Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, id-19 t'Ottubru 2023**

**Kump. Nru. 374/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney**
**Spettur Joseph Mercieca)**

**Versus**

**Valdas Martinaitis sive Levan Mamardashvili**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Valdas Martinaitis**, detentur ta' dokument tal-identita' tal-Litwanja nru. 13570877, sive **Levan Mamardashvili**, detentur ta' Passaport Georgjan numru 16AB59289 (mahrug fit-30/06/2017 u jiskadi fit-30/08/2027)

Akkuzat talli nhar is-7 ta' Novembru, 2018 ghall-habta ta' nofsinhar u kwart u/jew fil-hin ta' wara, minn gewwa Appartament numru 8, formanti parti minn fond numru 11, 'Syrana', Triq Karm Galea, Tas-Sliema:

1. Flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' gojjellerija u/jew oggetti ohra, liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-lok, liema serq sar ghad-dannu ta' Giulia Beck u Toni Aleksanteri Westerholm, u/jew ta' xi persuna/I u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

2. Fl-istess data, u/jew qabel u/jew wara dik id-data, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f' Malta stess jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitti ta' serq aggravat f'Malta, ghal liema delitti hemm piena ta' prigunerija.

Rat l-Artikoli pprezentati fl-14 ta' Frar 2023, (esebiti *a fol*. 356 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-Artikoli 261(a), 261(b), 261(c), 261(e), 262(1)(a)(b)(c), 262(2), 263(a)(b), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 276, 277(a)(b), 278(3), 279(a)(b), 325(1)(2), 280(2) u 281(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikolu 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikolu 17, 19, 20, 23, 23A, 23B, 23C, 23D, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li

ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

## Decide

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7, 8, 31, 48A(1)(2)(3)(4), 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(a)(b), 262(2), 263(a)(b), 264(1), 265, 267, 269(g), 276, 277(b), 278(1)(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed **issib lill-imputat Valdas Martinaitis sive Levan Mamardashvili hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu** u qed **tikkundannah ghal erba snin u nofs (54 xhur) prigunerija effettiva**.

In oltre ai termini ta' l-**Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-**hati Valdas Martinaitis sive Levan Mamardashvili** sabiex b'mod immedjat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' **elfejn u sitt Euro u erbgha u tletin centezmi (€ 2,006.34).**

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**